Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR NIKOLAI SANT, SPETTUR SARAH MAGRI) V. YURIK ORSINI (KI. 439602L)

(UŻU TA' VETTURA MINN PERSUNA MINGĦAJR KOPERTURA TA' ASSIGURAZZJONI DWAR RISKJI TA' TERZI GĦAL TALI UŻU MINNHA – KAP. 104 ART. 3(1) – SEWQAN MINGĦAJR LIĊENZJA TAS-SEWQAN – KAP. 65 ART. 15(1)(A),(3) –SEWQAN TA' VETTURA MINGĦAJR IL-KUNSENS TA' SIDHA BIL-ĦSIEB BISS LI JSIR UŻU TEMPORANJU MINNHA – KAP. 65 ART. 61(1))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**11 ta' Mejju 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Yurik Orsini, detentur tal-karta tal-identità numru 439602L imwieled il-Pietà u residenti Birkirkara ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat bis-segwenti imputazzjonijiet:

    1. Talli nhar is-16 ta' Jannar 2019 għall-ħabta ta` 10:45hrs, ġewwa Triq K. Mifsud, Pietà, uża, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq (mutur tat-Tip "Romet Motors" bin-numru ta' reġistrazzjoni JBX934) meta għall-użu tal-vettura minn dik il-persuna ma kienetx isseħħ

polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni (Kap 104 Artiklu 3 (1)).;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, mingħajr liċenzja tas-sewqan (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3)).

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb biss li jagħmel użu temporanju saq xi vettura, kemm jekk immexxija b'forza mekkanika, kemm b'mezz ieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid tagħha jew ta' xi awtorità kompetenti (Kap. 65 Artiklu 61(1))

2. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija l-ħati jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta` żmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

**Provi mressqa mill-Prosekuzzjoni**

3. Fl-affidavit maħluf tiegħu, **PS 267 A. J. Cassar** *inter alia* jgħid li nhar is- 16 ta' Jannar 2019 irrapporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun ċertu Brandon Piscopo (K.I. 301697M) fejn stqarr li dakinhar stess għall-ħabta ta 10.45Hrs waqt li kien bil-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni CCJ-769 ġewwa Triq K. Mifsud, Pieta' kien hemm mutur bin-numru ta' registrazzjoni JBX 934 li skiddja u baqa' dieħel fih. Dan kompla jgħid li waqt li kien wieqaf fuq l-iStop Sign li hemm, fl-imsemmija triq ra mutur jiskiddja li baqa' dieħel ġol-vettura tieghu. Huwa ħareġ mill-karozza sabiex jara jekk ix-xufier tal-mutur kienx kollox sew u x'ħin qallu sabiex iġib il-wardens ix-xufier tal-mutur qallu, "le" u qabad il-mutur u telaq min fuq il-post.

Ix-xhud spjega ukoll illi huwa spezzjona l-vettura ta' Piscopo li rriżulta li kellha ħsarat fil-bumper ta' quddiem, fil-fanal ta quddiem fuq in-naħa tax-xufier u kif ukoll fil-grilja ta quddiem. Wara li għamel kuntatt ma' sid il-mutur JBX 934 li rriżulta li kienet Melanie Orsini (KI: 270477M) huwa talabha tmur l-Għassa u ġġib magħha lil min kien qiegħed isuq il-mutur sabiex jiġi mitkellem mill-Pulizija rigward l-akkadut.

Melanie Orsini u t-tifel tagħha, l-imputat Yurik Orsini, irrappurtaw fl-Għassa tal-Pulizija u wara li rċevew id-debita twissija huma għażlu li ma' jkellmux avukat. L-imputat stqarr mal-Pulizija li eżatt kif ħareġ mill-garage peress Ii kien għadu kif sewwa xi haġa u ried jara ġietx tajba, huwa sab il-vettura l-oħra ma wiċċu, u baqat dieħla ġo fih. L-imputat spjega lix-xhud li dan huwa mutur żgħir (*scooter)* li l-magna tiegħu hija 50cc.

4. Fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2019, ir-rappreżentant ta' Transport Malta, **Stephen Cachia,** illi ntalab sabiex jagħmel riċerka fuq il-mutur bir-reġistrazzjoni JBX 934 xehed illi l-mutur in kwistjoni, tal-għamla "Romit Motors Pony", fis-16 ta' Jannar 2019 kien jappartjeni lil Melanie Orsini (K.I. 240477M). Sussegwentement u ċioe fit-28 ta' Frar 2019 dan il-mutur ġie ttrasferit lil Martin Lee Azzopardi għan-nom ta' Ruben's Auto Dealer.

5. Fl-istess seduta, xehed ukoll **Brandon Piscopo** li qal illi fid-data in kwistjoni huwa kien qed joħroġ il-vettura tiegħu minn ġol-garaxx u waqaf fuq *stop-sign*. Imbagħad ra mutur li qisu skiddja u baqa dieħel ġo fih. Huwa ħareġ biex itih l-għajnuna iżda s-sewwieq ħarab *wrong-way*. Huwa rnexxielu jaqbad in-numru ta' reġistrazzjoni tal-mutur u mar l-għassa biex jagħmel rapport. Huwa kkonferma illi huwa tħallas tad-danni li sofra. Iddeskriva l-mutur bħala "*qisu aħmar, maroon, żgħir, xi 125, ma nafx x'ditta kien*". Fl-awla għaraf ukoll lill-imputat bħala l-persuna li kienet qed issuq il-mutur.

6. L-imputat għażel li ma' jixhidx u li ma' jressaqx provi.

**L-ewwel imputazzjoni – sewqan bla polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-riski ta' terzi persuni**

7. Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, l-Artiklu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi kif gej:

   *'3. (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.'*

8. L-Artiklu 3(1A) tal-istess Kapitolu imbagħad jipprovdi dwar il-presunzjoni *iuris tantum* li:

   *'3. (1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).'*

9. Matul is-snin inqalgħet ċertu ambigwita' fil-Qrati tagħna fis-sens illi bdiet tqum il-mistoqsija dwar il-presunzjoni taħt l-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta'

Malta. L-ambigwita' qamet prinċipalment dwar fuq min jinkombi l-oneru tal-prova dwar l-assikurazzjoni. Fis-sentenza riċenti mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fl-ismijiet **<u>Pulizija vs Nathaniel Grech</u>** (QTM:KRM:Magistrat Doreen Clarke – 11 ta' Marzu 2019), il-Qorti daħlet f'ċertu dettal dwar is-sentenzi kunfliġġenti fuq dan il-punt u finalment pero stqarret li dan il-kunflitt ġie riżolt permezz ta' sentenzi riċenti fosthom is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Pulizija vs Andre Apap</u>** (QTA:KRM:400:2010, deċiża 4 ta' Frar 2011) fejn kien ingħad is-segwenti:-

*"Ghar-rigward tal-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni, il-prova li l-imputat kien hekk kopert b'tali polza kienet tispetta lill-imputat ghat-tenur tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104. Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi, Il-Pulizija vs Stefan Apap, u l-Pulizija vs Charles Galea u ohrajn dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu car u inekwivoku fil-portata tieghu: il-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispozizzjoni ma thalli lok ghal ebda interpretazzjoni".*

10. Għalkemm il-Qorti taqbel bis-sħiħ mal-iskorta tal-ġurisprudenza li titfa l-piż kollu fuq il-prova tal-polza tal-assigurazzjoni fuq l-imputat **<u>li jiġi akkużat b'tali akkuża,</u>** madanakollu tħoss li din il-presunzjoni *iuris tantum* tista' tiġi mxejjna mhux biss meta l-imputat filfatt jipproduċi provi f'dan ir-rigward iżda anke meta l-Prosekuzzjoni, bl-imġieba tagħha fil-kors tal-kawża u bix-xhieda li tressaq tixħet dubbju raġjonevoli fuq l-akkuża li tkun ressqet. Il-Qorti qed tgħid dan proprju għaliex apparti l-akkuża nnifisha li tinsab fil-korp tal-komparixxi, **<u>ma' hemm xejn la fir-rapport tal-okkorrenza, la fix-xhieda ta' PS 267 A. J. Cassar u lanqas fix-xhieda ta' Brandon Piscopo li l-imputat kien qed isuq mingħajr polza tal-assigurazzjoni u/jew mingħajr liċenzja tas-sewqan (li hija l-mertu tat-tieni imputazzjoni).</u>** Għalkemm PS 267 ħa l-istqarrija tal-imputat u infurmah li sejrin jinħarġu l-akkużi kontra tiegħu, fl-ebda mument ma' stqarr fl-affidavit tiegħu illi huwa talab il-polza tal-assigurazzjoni tal-imputat jew illi talbu jipproduċi l-liċenzja tas-sewqan tiegħu. Anke meta xehed Brandon Piscopo, m'hemm x'jindika illi wara l-inċident dan skopra illi l-imputat kien qed isuq bla liċenzja u bla polza tal-assigurazzjoni meta huwa mistenni illi dettall importanti bħal dan huwa jibqa' jiftakru!

11. Għalhekk il-Qorti tqis illi nonostante il-presunzjoni legali, din l-imputazzjoni ma' ġietx ippruvata u dan minħabba dubbju raġonevoli mqajjem mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni nnifisha.

**It-tieni imputazzjoni – sewqan bla liċenzja**

12. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, għal darb' oħra l-Qorti tissenjala illi ma' hemm xejn la fir-rapport tal-okkorrenza, la fix-xhieda ta' PS 267 A. J. Cassar u lanqas fix-xhieda ta' Brandon Piscopo li l-imputat kien qed isuq mingħajr liċenzja tas-sewqan. Inoltre meta tela jixhed rappreżentant ta' Transport Malta, **Stephen Cachia**, dan xehed biss fuq il-proprjeta' tal-mutur in kwistjoni u ma' semma xejn dwar il-liċenzja tas-sewqan *o meno* tal-imputat. Huwa veru illi l-istess xhud esebixxa kopja ta' riċerka li turi li ma' nstab xejn ("*No Matches Found*") fis-sistema fuq in-numru tal-karta tal-identita' tal-imputat u fuq ismu iżda x-xhud ma' ġie mitlub jagħti l-ebda informazzjoni fuq eżattament xi tfisser din ir-riċerka. Għalkemm il-Qorti kif presjeduta taf, minn kawżi oħra, li d-dokumenti a fol 11 u 12 huma riżultati li tiġġenera s-sistema komputerizzata tad-*database* tal-liċenzji tas-sewqan, madanakollu hija ma' tistax tapplika l-għarfien tagħha dwar din is-sistema biex tagħmel tajjeb għan-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tagħmel il-mistoqsijiet in eżami tax-xhieda tagħha, kif suppost.

13. Huwa veru ukoll illi fir-rapport tal-okkorrenza hemm indikat fid-dettalji ġenerati mis-sistema illi d-data tat-twelid tal-imputat hija t-30 ta' Novembru 2002 u li allura fid-data tal-inċident in kwistjoni l-imputat kien għadu minorenni. Madanakollu għal darb' oħra ma' jissemma assolutament xejn f'dan ir-rigward mill-Prosekuzzjoni meta l-Qorti tistenna li fatt importanti bħal dan kellu jissemma mqar *en passant* minn **PS 267 A. J. Cassar** fix-xhieda tiegħu! Filfatt m'hemmx l-iċken prova fil-proċess illi l-imputat kien għadu m'għalaqx tmintax-il sena fid-data tal-inċident.

14. Żgur m'huwiex il-każ illi l-Prosekuzzjoni ġabet il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti li kien jeħtiġilha ġġib u li kienet tenuta tagħmel skond l-Artikolu 638(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

> '*638. (1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti."*

15. Għalhekk anke din l-imputazzjoni ma' ġietx ippruvata 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

**It-tielet imputazzjoni – użu temporanju ta' vettura mingħajr il-kunsens ta' sidha**

16. L-artikolu 61(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

*'61. (1) Kull min li bil-ħsieb biss li jagħmel użu temporanju tagħha isuq xi vettura, kemm jekk immexxija b'forza mekkanika kemm b'mezz ieħor ikun li jkun, mingħajr ma jkollu l-kunsens tas-sid tagħha jew awtorità leġittima oħra, jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) iżda mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien.'*

17. Kif intqal minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Chantelle Casha) v. Nathaniel Grech** (11 ta Marzu 2019):

*"Illi biex jissussisti r-reat prospettat f'l-artikolu 61 tal-Kapitolu 65 iridu jigu pruvati diversi elementi fosthom it-tehied ta' vettura, minghajr il-kunsens tas-sid, b'l-ghan li juza dik il-vettura temporanjament billi jsuqha. Fil-fehma tal-Qorti biex it-tehied ta' vettura jirrinkwadra ruhu f'dan ir-reat il-vettura ghandha tittiehed minghajr il-permess tas-sid, minghand id-detentur legittimu taghha, u dan b'l-ghan biss li tinstaq ghal ftit u li tigi ritornata lis-sid jew lid-detentur legittimu."*

18. F'din il-kawża però hemm skiet perfett dwar l-elementi li jsawru din l-imputazzjoni u li jeħtieġ li jiġu ppruvati. Din l-imputazzjoni għalhekk ma' tirriżultax.

**Deċiżjoni**

19. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur